SENTENZA TAL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (Awla Manja)

4 ta' Ottubru 2024 * [i]

"Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Protezzjoni tad-data personali – Regolament (UE) 2016/679 – Kapitolu VIII – Rimedji ġudizzjarji – Kummerċjalizzazzjoni ta' prodotti mediċinali minn spiżjar permezz ta' pjattaforma online – Rikors ippreżentat quddiem il-qrati ċivili minn kompetitur ta' dan l-ispiżjar abbażi tal-projbizzjoni ta' prattiki kummerċjali żleali minħabba l-ksur minnu tal-obbligi previsti minn dan ir-regolament – *Locus standi* – Il-punt 15 tal-Artikolu 4 u Artikolu 9(1) u (2) – Direttiva 95/46/KE – Artikolu 8(1) u (2) – Kunċett ta' 'data dwar is-saħħa' – Kundizzjonijiet għall-ipproċessar ta' tali data"

Fil-Kawża C-21/23,

li għandha bħala suġġett talba għal deċiżjoni preliminari skont l-Artikolu 267 TFUE, imressqa mill-Bundesgerichtshof (il-Qorti Federali tal-Ġustizzja, il-Ġermanja), permezz ta' deċiżjoni tat-12 ta' Jannar 2023, li waslet fil-Qorti tal-Ġustizzja fid-19 ta' Jannar 2023, fil-proċedura

ND

vs

DR,

IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (Awla Manja),

komposta minn K. Lenaerts, President, L. Bay Larsen, Viċi President, K. Jürimäe, C. Lycourgos, E. Regan, F. Biltgen u N. Piçarra, Presidenti ta' Awla, S. Rodin, P. G. Xuereb, L. S. Rossi, I. Jarukaitis, N. Jääskinen, u I. Ziemele (Relatriċi), Imħallfin,

Avukat Ġenerali: M. Szpunar,

Reġistratur: N. Mundhenke, amministratriċi,

wara li rat il-proċedura bil-miktub u wara s-seduta tad-9 ta' Jannar 2024,

wara li kkunsidrat l-osservazzjonijiet ippreżentati:

– għal ND, minn A. Datta, M. Mogendorf u W. Spoerr, Rechtsanwälte,

– għal DR, minn M. Bahmann, Rechtsanwalt,

* Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż.

– għall-Gvern Ġermaniż, minn J. Möller u P.-L. Krüger, bħala aġenti,

– għall-Kummissjoni Ewropea, minn A. Bouchagiar, F. Erlbacher u H. Kranenborg, bħala aġenti,

wara li semgħet il-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali, ippreżentati fis-seduta tal-25 ta' April 2024,

tagħti l-preżenti

Sentenza

1 It-talba għal deċiżjoni preliminari tirrigwarda l-interpretazzjoni tal-Artikolu 9(1), u tad-dispożizzjonijiet tal-Kapitolu VIII tar-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' *data* personali u dwar il-moviment liberu ta' tali *data*, u li jħassar id-Direttiva 95/46/KE (Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-*Data*). (ĠU 2016, L 119, p. 1, u rettifika fil-ĠU 2018, L 127, p. 2, iktar 'il quddiem l-"GDPR"), kif ukoll l-Artikolu 8(1) tad-Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill 95/46/KE tal-24 ta' Ottubru 1995 dwar il-protezzjoni ta' individwi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali u dwar il-moviment liberu ta' dik id-data (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 13, Vol. 15, p. 355).

2 Din it-talba tressqet fil-kuntest ta' tilwima bejn ND u DR, żewġ persuni fiżiċi li kull waħda minnhom topera spiżerija, dwar il-kummerċjalizzazzjoni minn ND, permezz ta' pjattaforma online, ta' prodotti mediċinali li l-bejgħ tagħhom huwa rriżervat għall-ispiżeriji.

Il-kuntest ġuridiku

Id-dritt tal-Unjoni

3 L-Artikolu 8 tad-Direttiva 95/46, intitolat "L-ipproċessar ta' kategoriji speċjali ta' data", jipprovdi:

"1. Stati Membri għandhom jipprojbixxu l-ipproċessar ta' data personali li tiżvela l-oriġini razzjali jew etnika, opinjonijiet politiċi, twemmin reliġjuż jew filosofiku, sħubija trade-unjonistika, u l-ipproċessar ta' data dwar saħħa jew ħajja sesswali.

2. Il-paragrafu 1 m'għandux japplika fejn:

a) is-suġġett tad-data jkun ta l-kunsens espliċitu tiegħu għall-ipproċessar ta' dak id-data, ħlief jekk il-liġijiet ta' l-Istat Membru jipprovdu li l-projbizzjoni msemmija fil-paragrafu 1 ma tkunx tista' titneħħa minkejja li s-suġġett tad-data jkun ta l-kunsent tiegħu;

[...]"

4 Il-premessi 9 sa 11, 13, 35, 51, 53, 141 u 142 tal-GDPR huma fformulati kif ġej:

"(9) L-għanijiet u l-prinċipji tad-Direttiva [95/46] jibqgħu sodi, iżda din ma waqqfitx il-frammentazzjoni fl-implimentazzjoni fil-protezzjoni tad-*data* fl-Unjoni kollha, in-nuqqas ta' ċertezza legali jew perċezzjoni pubblika mifruxa li hemm riskji sinifikanti għall-protezzjoni tal-persuni fiżiċi, b'mod partikolari fir-rigward tal-attività online. Id-differenzi fil-livell ta' protezzjoni tad-drittijiet u l-libertajiet tal-persuni fiżiċi, b'mod partikolari id-dritt għall-protezzjoni tad-*data* personali, fir-rigward tal-ipproċessar tad-*data* personali fl-Istati Membri jistgħu jimpedixxu l-fluss liberu tad-*data* personali fl-Unjoni kollha. Dawk id-differenzi jistgħu jkunu ta' xkiel għat-twettiq ta' attivitajiet ekonomiċi fil-livell tal-Unjoni, jgħawwġu l-kompetizzjoni u jxekklu lill-awtoritajiet fit-twettiq tar-responsabbiltajiet tagħhom skont il-liġi tal-Unjoni. Tali differenza fil-livelli ta' protezzjoni hija dovuta għall-eżistenza ta' differenzi fl-implimentazzjoni u l-applikazzjoni tad-Direttiva [95/46].

(10) Sabiex ikun żgurat livell konsistenti u għoli ta' protezzjoni tal-persuni fiżiċi u sabiex jitneħħew l-ostakoli għaċ-ċirkolazzjoni tad-*data* personali fl-Unjoni, il-livell ta' protezzjoni tad-drittijiet u l-libertajiet tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' din id-*data* għandu jkun ekwivalenti fl-Istati Membri kollha. L-applikazzjoni konsistenti u omoġenea tar-regoli għall-protezzjoni tad-drittijiet u l-libertajiet fundamentali tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' *data* personali għandha tkun żgurata fl-Unjoni kollha. [...] Dan ir-Regolament jipprovdi wkoll marġni ta' manuvrar għall-Istati Membri biex jispeċifikaw ir-regoli tagħhom, inkluż għall-ipproċessar ta' kategoriji speċjali ta' *data* personali ('*data* sensittiva'). [...]

(11) Il-protezzjoni effettiva tad-*data* personali fl-Unjoni kollha teħtieġ it-tisħiħ u l-ispeċifikar fid-dettall tad-drittijiet tas-suġġetti tad-*data* u l-obbligi ta' dawk li jipproċessaw u jiddeterminaw l-ipproċessar ta' *data* personali, kif ukoll ta' setgħat ekwivalenti għall-monitoraġġ u l-iżgurar tal-konformità mar-regoli għall-protezzjoni tad-*data* personali u sanzjonijiet ekwivalenti għall-ksur fl-Istati Membri.

[...]

(13) Sabiex ikun żgurat livell konsistenti ta' protezzjoni għall-persuni fiżiċi fl-Unjoni kollha u sabiex ma jkunx hemm diverġenzi li jfixklu l-moviment liberu tad-data personali fis-suq intern, huwa meħtieġ Regolament li jipprovdi ċertezza legali u trasparenza għall-operaturi ekonomiċi, inklużi l-mikrointrapriżi, l-intrapriżi ż-żgħar u dawk ta' daqs medju, u biex jipprovdi lill-persuni fiżiċi fl-Istati Membri kollha l-istess livell ta' drittijiet u obbligi infurzabbli bil-liġi u responsabbiltajiet għall-kontrolluri u għall-proċessuri, sabiex ikun żgurat monitoraġġ konsistenti tal-ipproċessar tad-*data* personali, u sanzjonijiet ekwivalenti fl-Istati Membri kollha kif ukoll kooperazzjoni effettiva bejn l-awtoritajiet ta' superviżjoni tal-Istati Membri differenti. [...]

[...]

(35) Id-*data* personali dwar is-saħħa għandha tinkludi d-*data* kollha dwar l-istat tas-saħħa ta' suġġett tad-*data* li tiżvela informazzjoni relatata mal-istat tas-saħħa fiżika jew mentali tas-suġġett tad-*data* fil-passat, fil-preżent jew fil-ġejjieni. [...]

[...]

(51) *Data* personali, li min-natura tagħha, tkun partikolarment sensittiva fir-rigward tad-drittijiet u l-libertajiet fundamentali jistħoqqilha protezzjoni speċifika billi l-kuntest tal-ipproċessar tagħha jista' joħloq riskji sinifikanti għad-drittijiet u l-libertajiet fundamentali. [...] Tali *data* personali ma għandhiex tiġi pproċessata, għajr jekk l-ipproċessar ikun permess f'każijiet speċifiċi stabbiliti f'dan ir-Regolament, b'kont meħud li l-liġi tal-Istati Membri tista' tistabbilixxi dispożizzjonijiet speċifiċi dwar il-protezzjoni ta' data sabiex tadatta l-applikazzjoni tar-regoli ta' dan ir-Regolament għal konformità ma' obbligu legali jew għall-prestazzjoni ta' kompitu mwettaq fl-interess pubbliku jew fl-eżerċizzju ta' awtorità uffiċjali mogħtija lill-kontrollur. Minbarra r-rekwiżiti speċifiċi għal dan l-ipproċessar, il-prinċipji ġenerali u regoli oħra ta' dan ir-Regolament għandhom japplikaw, b'mod partikolari fir-rigward tal-kondizzjonijiet għal ipproċessar legali. Id-derogi mill-projbizzjoni ġenerali għall-ipproċessar ta' tali kategoriji speċjali ta' *data* personali għandhom jiġu previsti b'mod espliċitu, fost oħrajn fejn is-suġġett tad-*data* jagħti l-kunsens espliċitu tiegħu jew tagħha jew fir-rigward ta' ħtiġijiet speċifiċi b'mod partikolari fejn l-ipproċessar isir waqt attivitajiet leġittimi minn ċerti assoċjazzjonijiet jew fondazzjonijiet li l-għan tagħhom huwa li jippermettu l-eżerċizzju ta' libertajiet fundamentali.

[...]

(53) Il-kategoriji speċjali ta' *data* personali li jistħoqqilhom aktar protezzjoni għandhom jiġu pproċessati biss għal finijiet relatati mas-saħħa fejn ikun meħtieġ biex jinkisbu dawk il-finijiet għall-benefiċċju ta' persuni fiżiċi u s-soċjetà inġenerali, b'mod partikolari fil-kuntest tal-ġestjoni tas-servizzi [u sistemi] tal-kura tas-saħħa [...] Għalhekk dan ir-Regolament għandu jipprevedi kondizzjonijiet armonizzati għall-ipproċessar ta' kategoriji speċjali ta' *data* personali dwar is-saħħa, fir-rigward ta' ħtiġijiet speċifiċi, b'mod partikolari fejn l-ipproċessar ta' tali *data* jsir għal ċerti finijiet relatati mas-saħħa minn persuni soġġetti għal obbligu legali ta' segretezza professjonali. Il-liġi tal-Unjoni jew ta' Stat Membru għandha tipprovdi għal miżuri speċifiċi u adatti sabiex jiġu protetti d-drittijiet fundamentali u d-data personali tal-persuni fiżiċi. L-Istati Membri għandhom ikunu jistgħu jżommu jew jintroduċu aktar kondizzjonijiet, inklużi limitazzjonijiet, fir-rigward tal-ipproċessar ta' *data* ġenetika, *data* bijometrika jew *data* dwar is-saħħa. [...]

[...]

(141) Kull suġġett tad-*data* għandu jkollu d-dritt li jressaq ilment quddiem awtorità superviżorja unika, b'mod partikolari fl-Istat Membru tar-residenza abitwali tiegħu, u jkollu d-dritt għal rimedju ġudizzjarju effettiv f'konformità mal-Artikolu 47 tal-[Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, iktar 'il quddiem il-'Karta'] jekk is-suġġett tad-*data* jqis li jkun hemm ksur tad-drittijiet tiegħu skont dan ir-Regolament jew fejn l-awtorità superviżorja ma tiħux azzjoni b'rabta ma' ilment, tirrifjuta jew tiċħad l-ilment parzjalment jew kompletament jew ma tiħux azzjoni fejn tali azzjoni tkun meħtieġa għall-protezzjoni tad-drittijiet tas-suġġett tad-*data*. [...]

(142) Fejn is-suġġett tad-*data* jqis li jkun hemm ksur tad-drittijiet tiegħu skont dan ir-Regolament, hu għandu jkollu d-dritt li jagħti mandat lil korp, organizzazzjoni jew assoċjazzjoni mingħajr skop ta' qligħ li jkunu kostitwiti skont il-liġi ta' Stat Membru, ikollhom objettivi statutorji li jkunu fl-interess pubbliku u li jkunu attivi fil-qasam tal-protezzjoni tad-*data* personali biex iressqu ilment f'ismu quddiem awtorità superviżorja, jeżerċitaw id-dritt għal rimedju ġudizzjarju f'isem suġġetti tad-*data* jew

jeżerċitaw id-dritt li jirċievu kumpens f'isem suġġetti tad-*data* jekk dan tal-aħħar ikun previst fil-liġi tal-Istat Membru. Stat Membru jista' jipprovdi li tali korp, organizzazzjoni jew assoċjazzjoni jkollhom id-dritt li jressqu ilment f'dak l-Istat Membru, indipendentement mill-mandat ta' suġġett tad-*data*, u d-dritt għal rimedju ġudizzjarju effettiv fejn ikollhom raġunijiet biex iqisu li kien hemm ksur tad-drittijiet tas-suġġett tad-*data* bħala riżultat tal-ipproċessar ta' *data* personali li jikser dan ir-Regolament. Dak il-korp, dik l-organizzazzjoni jew dik l-assoċjazzjoni ma jistgħux jingħataw is-setgħa li jitolbu kumpens f'isem is-suġġett tad-*data* b'mod indipendenti mill-mandat tas-suġġetti tad-*data*".

5 L-Artikolu 1 ta' dan ir-regolament, intitolat "Suġġett u objettivi", jipprovdi:

"1. Dan ir-Regolament jistabbilixxi regoli relatati mal-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar tad-*data* personali u regoli relatati mal-moviment liberu tad-*data* personali.

2. Dan ir-Regolament jipproteġi d-drittijiet u l-libertajiet fundamentali tal-persuni fiżiċi u b'mod partikolari d-dritt tagħhom għall-protezzjoni ta' *data* personali.

3. Il-moviment liberu tad-*data* personali fl-Unjoni għandu jkun la ristrett u lanqas ipprojbit għal raġunijiet marbutin mal-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' *data* personali."

6 L-Artikolu 4 tal-imsemmi regolament jipprevedi:

"Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament:

(1) '*data* personali' tfisser kwalunkwe informazzjoni relatata ma' persuna fiżika identifikata jew identifikabbli ('suġġett tad-*data*'); persuna fiżika identifikabbli hija persuna li tista' tiġi identifikata, direttament jew indirettament, b'mod partikolari b'referenza għal mezz ta' identifikazzjoni bħal isem, numru ta' identifikazzjoni, data ta' lokalizzazzjoni, identifikatur *online* jew għal fattur wieħed jew aktar speċifiċi għall-identità fiżika, fiżjoloġika, ġenetika, mentali, ekonomika, kulturali jew soċjali ta' dik il-persuna fiżika;

(2) 'ipproċessar' tfisser kwalunkwe attività jew sett ta' attivitajiet li jitwettqu fuq *data* personali jew fuq settijiet ta' *data* personali, sew jekk b'mezzi awtomatizzati u sew jekk mingħajrhom, bħalma huma l-ġbir, ir-reġistrazzjoni, l-organizzazzjoni, l-istrutturar, il-ħażna, l-adattament jew il-bidliet, l-irkupru, il-konsultazzjoni, l-użu, l-iżvelar bi trażmissjoni, it-tixrid jew it-tqegħid għad-dispożizzjoni b'xi mezz ieħor, l-allinjament jew it-taħlita, ir-restrizzjoni, it-tħassir jew il-qerda;

[...]

(7) 'kontrollur' tfisser persuna fiżika jew ġuridika, awtorità pubblika, aġenzija jew kwalunkwe korp ieħor li, waħdu jew flimkien ma' oħrajn, jiddetermina l-għanijiet u l-mezzi tal-ipproċessar ta' *data* personali; fejn l-għanijiet u l-mezzi tal-ipproċessar ikunu ddeterminati mil-liġi tal-Unjoni jew ta' Stat Membru, il-kontrollur jew il-kriterji speċifiċi għall-ħatra tiegħu jistgħu jiġu determinati mil-liġi tal-Unjoni jew ta' Stat Membru;

[...]

(15) ‘*data* dwar is-saħħa’ tfisser *data* personali relatata mas-saħħa fiżika jew mentali ta’ persuna fiżika, inkluża l-provvista ta’ servizzi tal-kura tas-saħħa, li tiżvela informazzjoni rigward l-istat ta’ saħħitha;

[...]

(21) ‘awtorità superviżorja’ tfisser awtorità pubblika indipendenti li tiġi stabbilita minn Stat Membru skont l-Artikolu 51;

[...]”.

7 Il-Kapitolu II tal-GDPR, intitolat “Prinċipji”, jinkludi fih l-Artikoli 5 sa 11 tiegħu.

8 L-Artikolu 5 ta’ dan ir-regolament jipprovdi l-prinċipji relatati mal-ipproċessar tad-data personali, filwaqt li l-Artikolu 6 ta’ dan ir-regolament jistabbilixxi l-kundizzjonijiet tal-legalità ta’ tali pproċessar.

9 Skont l-Artikolu 9 tal-istess regolament, intitolat “Ipproċessar ta’ kategoriji speċjali ta’ data personali”:

“1. L-ipproċessar ta’ *data* personali, li jiżvela oriġini razzjali jew etnika, opinjonijiet politiċi, twemmin reliġjuż jew filosofiku, jew sħubija fi trade union, u l-ipproċessar ta’ *data* ġenetika, *data* bijometrika sabiex tidentifika b’mod uniku persuna fiżika, *data* dwar is-saħħa jew *data* dwar il-ħajja sesswali u l-orjentazzjoni sesswali ta’ persuna fiżika huma projbiti.

2. Il-paragrafu 1 ma għandux japplika jekk japplika wieħed minn dawn li ġejjin:

(a) is-suġġett tad-*data* jkun ta kunsens espliċitu għall-ipproċessar ta’ dik id-*data* personali għal fini speċifiku wieħed jew aktar, għajr fejn il-liġi tal-Unjoni jew il-liġi ta’ Stat Membru tipprevedi li l-projbizzjoni msemmija fil-paragrafu 1 ma tistax titneħħa mis-suġġett tad-*data*;

[...]

(h) l-ipproċessar ikun meħtieġ għall-finijiet ta’ mediċina preventiva jew okkupazzjonali, għall-valutazzjoni tal-kapaċità ta’ ħaddiem għax-xogħol, dijanjosi medika, il-forniment ta’ kura tas-saħħa jew soċjali jew it-trattament jew il-ġestjoni ta’ sistemi u servizzi tal-kura tas-saħħa u soċjali abbażi tal-liġi tal-Unjoni jew tal-liġi ta’ Stat Membru jew skont kuntratt ma’ professjonista fil-kura medika u soġġett għall-kondizzjonijiet u s-salvagwardji msemmija fil-paragrafu 3;

[...]”.

10 L-Artikolu 51 tal-istess regolament, intitolat “Awtorità superviżorja”, jipprevedi, fil-paragrafu 1 tiegħu:

“Kull Stat Membru għandu jipprovdi li awtorità pubblika indipendenti waħda jew aktar ikunu responsabbli għall-monitoraġġ tal-applikazzjoni ta’ dan ir-Regolament, sabiex jiġu protetti d-drittijiet u l-libertajiet fundamentali ta’ persuni fiżiċi b’rabta mal-ipproċessar u biex jiġi ffaċilitat il-fluss liberu ta’ *data* personali fl-Unjoni (‘awtorità superviżorja’).”

11 Il-Kapitolu VIII tal-GDPR, intitolat "Rimedji, responsabbiltà u pieni", jinkludi l-Artikoli 77 sa 84 tiegħu.

12 L-Artikolu 77 ta' dan ir-regolament, intitolat "Dritt li jitressaq ilment quddiem awtorità superviżorja", jipprovdi, fil-paragrafu 1 tiegħu:

"Mingħajr preġudizzju għal kwalunkwe rimedju amministrattiv jew ġudizzjarju ieħor, kull suġġett tad-*data* għandu d-dritt li jressaq ilment quddiem awtorità superviżorja, b'mod partikolari fl-Istat Membru tar-residenza abitwali tiegħu, il-post tax-xogħol tiegħu jew il-post tal-ksur allegat, jekk is-suġġett tad-*data* jqis li l-ipproċessar ta' *data* personali dwaru jikser dan ir-Regolament."

13 L-Artikolu 78 tal-imsemmi regolament, intitolat "Dritt għal rimedju ġudizzjarju effettiv kontra awtorità superviżorja", jipprovdi, fil-paragrafu 1 tiegħu:

"Mingħajr preġudizzju għal kwalunkwe rimedju amministrattiv jew mhux ġudizzjarju ieħor, kull persuna fiżika jew ġuridika għandu jkollha d-dritt għal rimedju ġudizzjarju effettiv kontra deċiżjoni legalment vinkolanti ta' awtorità superviżorja li tikkonċernaha."

14 L-Artikolu 79 tal-istess regolament, intitolat "Dritt għal rimedju ġudizzjarju effettiv kontra kontrollur jew proċessur", jipprevedi, fil-paragrafu 1 tiegħu:

"Mingħajr preġudizzju għal kwalunkwe rimedju amministrattiv jew mhux ġudizzjarju disponibbli, inkluż id-dritt li jitressaq ilment quddiem awtorità superviżorja skont l-Artikolu 77, kull suġġett tad-*data* għandu d-dritt għal rimedju ġudizzjarju effettiv fejn jikkunsidra li nkisru d-drittijiet tiegħu taħt dan ir-Regolament b'riżultat tal-ipproċessar tad-*data* personali tiegħu b'nuqqas ta' konformità ma' dan ir-Regolament."

15 L-Artikolu 80 tal-GDPR, intitolat "Rappreżentanza ta' suġġetti tad-data", huwa fformulat b'dan il-mod:

"1. Is-suġġett tad-*data* għandu d-dritt li jagħti mandat lil korp, organizzazzjoni jew assoċjazzjoni, li jkunu mingħajr skop ta' qligħ, li jkunu kkostitwiti kif meħtieġ skont il-liġi ta' Stat Membru, li l-objettivi statutorji tagħhom ikunu fl-interess pubbliku u li jkunu attivi fil-qasam tal-protezzjoni tad-drittijiet u l-libertajiet ta' suġġetti tad-*data* fir-rigward tal-protezzjoni tad-*data* personali tagħhom biex iressqu l-ilment f'ismu, biex jeżerċitaw id-drittijiet imsemmija fl-Artikoli 77, 78 u 79 f'ismu u biex jeżerċitaw id-dritt li jirċievu kumpens imsemmi fl-Artikolu [82] f'ismu fejn previst mil-liġi tal-Istat Membru.

2. L-Istati Membri jistgħu jipprevedu li kwalunkwe korp, organizzazzjoni jew assoċjazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, indipendentement minn mandat ta' suġġett tad-*data*, jkollhom id-dritt li jressqu, f'dak l-Istat Membru, ilment quddiem l-awtorità superviżorja li hija kompetenti skont l-Artikolu 77 u li jeżerċitaw id-drittijiet imsemmija fl-Artikoli 78 u 79 jekk huma jqisu li jkunu nkisru d-drittijiet ta' suġġett tad-*data* taħt dan ir-Regolament b'riżultat tal-ipproċessar."

16 L-Artikolu 82 ta' dan ir-regolament, intitolat "Dritt għal kumpens u responsabbiltà", jipprovdi, fil-paragrafu 1 tiegħu:

"Kwalunkwe persuna li tkun ġarrbet xi dannu materjali jew mhux materjali b'riżultat ta' ksur ta' dan ir-Regolament għandu jkollha d-dritt li tirċievi kumpens mill-kontrollur jew il-proċessur għad-dannu mġarrab."

17 L-Artikolu 83 tal-imsemmi regolament, intitolat “Kondizzjonijiet ġenerali biex jiġu imposti multi amministrattivi”, jipprevedi, fil-paragrafu 1 tiegħu, li:

“Kull awtorità superviżorja għandha tiżgura li l-impożizzjoni ta’ multi amministrattivi skont dan l-Artikolu fir-rigward ta’ ksur ta’ dan ir-Regolament imsemmi fil-paragrafi 4, 5 u 6 għandha tkun effettiva, proporzjonata u dissważiva f’kull każ individwali.”

18 L-Artikolu 84 ta’ dan ir-regolament, intitolat “Pieni”, jipprovdi, fil-paragrafu 1 tiegħu:

“L-Istati Membri għandhom jistipulaw ir-regoli dwar il-pieni oħrajn applikabbli għal ksur ta’ dan ir-Regolament b’mod partikolari għal ksur li ma jkunx soġġett għal multi amministrattivi skont l-Artikolu 83, u għandhom jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa biex jiżguraw li dawn jiġu implimentati. Tali pieni għandhom ikunu effettivi, proporzjonati u dissważivi.”

19 L-Artikolu 94 tal-GDPR jipprevedi, fil-paragrafu 1 tiegħu:

“Id-Direttiva [95/46] titħassar b’effett mill-25 ta’ Mejju 2018.”

20 Skont l-Artikolu 99 ta’ dan ir-regolament:

“1. Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f’*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

2. Huwa għandu japplika mill-25 ta’ Mejju 2018.”

Id-dritt Ġermaniż

Il-Liġi Kontra l-Kompetizzjoni Żleali

21 L-Artikolu 3 tal-Gesetz gegen den unlauteren Wettbewerb (il-Liġi Kontra l-Kompetizzjoni Żleali), tat-3 ta’ Lulju 2004 (BGBl. 2004 I, p. 1414), fil-verżjoni tagħha applikabbli għall-kawża prinċipali (iktar ’il quddiem l-“UWG”), intitolat “Projbizzjoni ta’ aġir kummerċjali żleali”, jipprevedi, fil-paragrafu 1 tiegħu:

“Il-prattiki kummerċjali żleali huma illegali.”

22 L-Artikolu 3a tal-UWG, intitolat “Ksur tad-dritt”, huwa fformulat kif ġej:

“Kull min jikser dispożizzjoni legali intiża, b’mod partikolari, sabiex tirregola l-aġir fis-suq fl-interess tal-atturi tiegħu, iwettaq aġir żleali, peress li dan il-ksur jista’ jaffettwa sostanzjalment l-interessi tal-konsumaturi, tal-atturi l-oħra tas-suq u tal-kompetituri.”

23 L-Artikolu 8 tal-UWG, intitolat “Eliminazzjoni u ommissjoni”, jipprovdi:

“(1) Kull prattika kummerċjali illeċita skont l-Artikolu 3 jew l-Artikolu 7 tista’ twassal għal mandat ta’ inibizzjoni u, f’każ ta’ riskju ta’ reċidiva, għal ordni ta’ inibizzjoni jew projbizzjoni. [...]

[...]

(3) Il-mandati imsemmija fil-paragrafu 1 jistgħu jintalbu:

1. minn kwalunkwe kompetitur li jikkummerċjalizza jew jitlob oġġetti jew servizzi b'mod mhux negliġibbli u mhux okkażjonali,

[...]"

Il-Liġi dwar il-Prodotti Mediċinali

24 Il-moviment tal-prodotti mediċinali huwa rregolat mill-Gesetz über den Verkehr mit Arzneimitteln (il-Liġi dwar il-Kummerċ tal-Prodotti Mediċinali), tal-24 ta' Awwissu 1976 (BGBl. 1976 I, p. 2444), fil-verżjoni tagħha ppubblikata fit-12 ta' Diċembru 2005 (BGBl. 2005 I, p. 3394), kif applikabbli għall-fatti fil-kawża prinċipali, tagħmel distinzjoni bejn il-prodotti mediċinali mibjugħa fi spiżerija u dawk mibjugħa abbażi ta' riċetta medika, peress li dawn tal-aħħar huma s-suġġett tal-Artikolu 48, intitolat "Obbligu ta' riċetta".

Il-kawża prinċipali u d-domandi preliminari

25 ND, li jopera spiżerija taħt l-isem kummerċjali "Lindenapotheke", jikkummerċjalizza, sa mis-sena 2017, prodotti mediċinali li l-bejgħ tagħhom huwa rriżervat għall-ispiżeriji, fuq il-pjattaforma online "Amazon-Marketplace" (iktar 'il quddiem "Amazon"). Waqt l-ordni online ta' dawn il-prodotti mediċinali, il-klijenti ta' ND għandhom jipprovdu informazzjoni, bħalma huma isimhom, l-indirizz ta' kunsinna u l-elementi neċessarji għall-individwalizzazzjoni tal-imsemmija prodotti mediċinali.

26 DR, li jopera wkoll spiżerija, adixxa lil-Landgericht Dessau-Roßlau (il-Qorti Reġjonali ta' Dessau-Roßlau, il-Ġermanja) b'rikors intiż sabiex ND jiġi ordnat jieqaf, taħt piena ta' pagament ta' penalità, jikkummerċjalizza, fuq Amazon, prodotti mediċinali li l-bejgħ tagħhom huwa rriżervat għall-ispiżeriji, sakemm ma jiġix żgurat li l-klijent ikun jista' jagħti l-kunsens tiegħu minn qabel għall-ipproċessar tad-data dwar is-saħħa.

27 Insostenn tar-rikors tiegħu, DR sostna li l-kummerċjalizzazzjoni fuq Amazon ta' prodotti mediċinali li l-bejgħ tagħhom huwa rriżervat għall-ispiżeriji kienet żleali, minħabba l-ksur ta' rekwiżiti legali dwar il-kisba tal-kunsens tal-klijent meħtieġ mil-leġiżlazzjoni dwar il-protezzjoni tad-data personali.

28 Permezz ta' deċiżjoni tat-28 ta' Marzu 2018, il-Landgericht Dessau-Roßlau (il-Qorti Reġjonali ta' Dessau-Roßlau) laqgħet ir-rikors.

29 ND appella minn din id-deċiżjoni quddiem l-Oberlandesgericht Naumburg (il-Qorti Reġjonali Superjuri ta' Naumburg, il-Ġermanja), li ċaħdet dan l-appell permezz ta' deċiżjoni tas-7 ta' Novembru 2019.

30 Il-qorti tal-appell ikkunsidrat li l-kummerċjalizzazzjoni fuq Amazon ta' prodotti mediċinali li l-bejgħ tagħhom huwa rriżervat għall-ispiżeriji kienet tikkostitwixxi prattika żleali, u għalhekk illegali skont l-Artikolu 3(1) tal-UWG. Fil-fatt, tali kummerċjalizzazzjoni ta' prodotti mediċinali tagħti lok għal ipproċessar ta' data dwar is-saħħa, li huwa pprojbit skont l-Artikolu 9(1) tal-GDPR, fl-assenza ta' kunsens espliċitu min-naħa tal-klijenti li jixtru prodotti mediċinali, konformement mal-Artikolu 9(2)(a) ta' dan ir-regolament. Issa, ir-regoli previsti mill-imsemmi

regolament jikkostitwixxu dispożizzjonijiet legali intiżi sabiex jirregolaw l-aġir fis-suq, fis-sens tal-Artikolu 3a tal-UWG. Barra minn hekk, skont il-punt 1 tal-Artikolu 8(3) tal-UWG, DR għandu dritt li, bħala kompetitur, jinvoka ksur ta' dawn ir-regoli minn ND, permezz ta' talba għal mandat ta' inibizzjoni quddiem il-qrati ċivili.

31 ND ressaq rikors għal reviżjoni quddiem il-Bundesgerichtshof (il-Qorti Federali tal-Ġustizzja, il-Ġermanja), il-qorti tar-rinviju.

32 Dik il-qorti tirrileva li l-eżitu tal-kawża jiddependi mill-interpretazzjoni tad-dispożizzjonijiet tal-Kapitolu VIII tal-GDPR u tal-Artikolu 9(1) ta' dan ir-regolament kif ukoll tal-Artikolu 8(1) tad-Direttiva 95/46.

33 Fl-ewwel lok, il-qorti tar-rinviju tistaqsi dwar jekk, wara t-tħassir tad-Direttiva 95/46 b'effett mill-25 ta' Mejju 2018, data li minnha sar applikabbli l-GDPR, għadux possibbli għall-Istati Membri li jipprevedu, fid-dritt nazzjonali, li l-kompetituri ta' impriża, bħal dawk imsemmija fil-punt 1 tal-Artikolu 8(3) tal-UWG, għandhom il-kwalità sabiex iwaqqfu, permezz ta' rikors quddiem qorti ċivili, ksur tad-dispożizzjonijiet tal-GDPR imwettaq minn din l-impriża, abbażi tal-projbizzjoni tal-prattiki kummerċjali żleali.

34 Il-qorti tar-rinviju tosserva li din il-kwistjoni tqajjem risposti diverġenti fil-livell nazzjonali. Fil-fatt, tali risposta ma tistax tiġi dedotta b'mod inekwivoku la mill-formulazzjoni tad-dispożizzjonijiet tal-Kapitolu VIII tal-GDPR, la mill-istruttura ġenerali ta' dawn id-dispożizzjonijiet u lanqas mill-għan imfittex mill-imsemmi regolament.

35 Għalhekk, qabelxejn, fir-rigward tal-formulazzjoni tad-dispożizzjonijiet tal-Kapitolu VIII tal-GDPR, il-qorti tar-rinviju tenfasizza li, ċertament, dawn id-dispożizzjonijiet bl-ebda mod ma jsemmu l-possibbiltà għall-kompetituri ta' impriża li jressqu azzjoni kontriha, b'mod partikolari meta l-ksur tal-leġiżlazzjoni dwar il-protezzjoni tad-data jikkostitwixxi prattiki kummerċjali żleali. Madankollu, fl-istess ħin, l-imsemmija dispożizzjonijiet ma jeskludux formalment din il-possibbiltà.

36 F'dak li jirrigwarda, sussegwentement, l-istruttura ġenerali tad-dispożizzjonijiet tal-Kapitolu VIII tal-GDPR, il-qorti tar-rinviju tenfasizza, minn naħa, li, kif iddeċidiet il-Qorti tal-Ġustizzja fis-sentenza tat-28 ta' April 2022, Meta Platforms Ireland (C-319/20, EU:C:2022:322, punt 57), dan ir-regolament huwa intiż li jiżgura armonizzazzjoni tal-leġiżlazzjonijiet nazzjonali dwar il-protezzjoni tad-data personali, li hija, bħala prinċipju, kompleta. Madankollu, min-naħa l-oħra, il-fatt li l-Artikolu 77(1), l-Artikolu 78(1) u (2) u l-Artikolu 79(1) tal-GDPR kull waħda jinkludu l-espressjoni "mingħajr preġudizzju għal kwalunkwe rimedju [...] ieħor" jista' jipprekludi li jiġi konkluż li l-kontroll tal-applikazzjoni tad-dritt kien is-suġġett ta' leġiżlazzjoni eżawrjenti.

37 Fl-aħħar nett, fir-rigward tal-għan ta' armonizzazzjoni u, b'mod partikolari, ta' uniformità fil-livell ta' kontroll tal-applikazzjoni tad-dritt fi ħdan l-Unjoni, imfittex mill-GDPR, il-qorti tar-rinviju tenfasizza, minn naħa, li l-fatt li l-kompetituri jista' jkollhom *locus standi* skont id-dritt tal-kompetizzjoni u, għaldaqstant, l-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet tad-dritt tal-protezzjoni tad-data lil hinn mill-istrumenti previsti mill-GDPR jista' jmur kontra dan l-għan. Barra minn hekk, ma huwiex ċert li s-sistema ta' kontroll tal-applikazzjoni tad-dritt previst mill-imsemmi regolament tinkludi lakuna li għandha timtela bil-possibbiltà mogħtija lill-kompetituri li jkollhom *locus standi* skont id-dritt tal-kompetizzjoni. Bl-istess mod, kompetizzjoni fil-qasam tal-kontroll tal-applikazzjoni tad-dritt tal-protezzjoni tad-data bejn l-awtoritajiet ta' kontroll,

minn naħa, u l-qrati ċivili, min-naħa l-oħra, tirriskja li tinterferixxi mas-setgħat tal-awtoritajiet ta' kontroll u li twassal għal diverġenzi, fi ħdan l-Unjoni, fil-kontroll tal-applikazzjoni tad-dritt tal-protezzjoni tad-data.

38 Min-naħa l-oħra, skont il-qorti tar-rinviju, il-fatt li l-kompetituri jiġu awtorizzati jaġixxu skont id-dritt tal-kompetizzjoni jista' jikkostitwixxi possibbiltà addizzjonali li tiġi kkontrollata l-applikazzjoni tad-dritt, li hija mixtieqa bis-saħħa tal-prinċipju ta' effettività ("effett utli") sabiex jiġi żgurat l-ogħla livell possibbli ta' protezzjoni fil-qasam tad-data personali, konformement mal-premessa 10 tal-GDPR.

39 Il-qorti tar-rinviju tippreċiża li din il-kwistjoni ma ġietx iċċarata mill-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja u li, b'mod partikolari, fis-sentenza tat-28 ta' April 2022, Meta Platforms Ireland (C-319/20, EU:C:2022:322), il-Qorti tal-Ġustizzja espressament ħalliet miftuħa l-kwistjoni tal-*locus standi* ta' kompetitur.

40 Fit-tieni lok, il-qorti tar-rinviju tistaqsi dwar jekk id-data li l-klijenti għandhom jipprovdu fuq il-pjattaforma ta' bejgħ online, waqt l-ordni online ta'prodotti mediċinali, bħalma huma isimhom, l-indirizz ta' kunsinna u l-informazzjoni neċessarja għall-individwalizzazzjoni tal-prodotti mediċinali ordnati, tikkostitwixxix "data dwar is-saħħa", fis-sens tal-Artikolu 8(1) tad-Direttiva 95/46 u tal-Artikolu 9(1) tal-GDPR.

41 Skont din il-qorti, it-tweġiba għal din il-mistoqsija ma hijiex evidenti fil-każ fejn il-prodotti mediċinali ordnati ma humiex suġġetti għal riċetta medika. Fil-fatt, f'tali każ, ma jkunx eskluż li dawn il-prodotti mediċinali ma jkunux intiżi għall-klijenti stess iżda għal terzi, li ma jkunux identifikabbli.

42 Il-qorti tar-rinviju tenfasizza li l-formulazzjoni ta' dawn id-dispożizzjonijiet u dik tal-punt 15 tal-Artikolu 4 tal-GDPR, moqri flimkien mal-premessa 35 ta' dan ir-regolament, ma jippermettux, waħedhom, li tingħata tweġiba għal din il-mistoqsija.

43 Madankollu, fil-punt 125 tas-sentenza tal-1 ta' Awwissu 2022, Vyriausioji tarnybinės etikos komisija (C-184/20, EU:C:2022:601), il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li l-kunċett ta' "kategoriji speċjali ta' data personali", imsemmi fl-Artikolu 8(1) tad-Direttiva 95/46 u fl-Artikolu 9(1) tal-GDPR, għandu jiġi interpretat b'mod wiesa' b'teħid inkunsiderazzjoni tal-għan ta' dan ir-regolament, li huwa li jiġi ggarantit livell għoli ta' protezzjoni tal-libertajiet u tad-drittijiet fundamentali tal-persuni fiżiċi, b'mod partikolari tal-ħajja privata tagħhom, fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali li tikkonċernahom. Jekk tali interpretazzjoni wiesgħa ta' dan il-kunċett tiġi aċċettata, jista' jiġi konkluż li tali informazzjoni tikkostitwixxi data dwar is-saħħa meta ma jkunx ċert iżda biss probabbli li l-klijenti li jagħmlu l-ordni tal-prodotti mediċinali jkunu l-persuni li għalihom dawn huma intiżi.

44 Il-qorti tar-rinviju tippreċiża li d-dritt għal inibizzjoni, invokat minn DR, jippreżupponi li l-aġir inkwistjoni ta' ND kien illegali kemm fil-mument tal-adozzjoni tiegħu u fil-mument tas-seduta li seħħet fil-kuntest tal-proċedura ta' reviżjoni, u li l-ewwel minn dawn il-mumenti kienu għadu rregolat mill-Artikolu 8(1) tad-Direttiva 95/46, filwaqt li t-tieni mument issa jaqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 9(1) tal-GDPR.

45 Huwa f'dan il-kuntest li l-Bundesgerichtshof (il-Qorti Federali tal-Ġustizzja) iddeċidiet li tissospendi l-proċeduri quddiemha u li tagħmel lill-Qorti tal-Ġustizzja d-domandi preliminari li ġejjin:

"1) Id-dispożizzjonijiet tal-Kapitolu VIII ta[l-GDPR] jipprekludu regoli nazzjonali li, flimkien mas-setgħat ta' intervent tal-awtoritajiet ta' kontroll inkarigati li jissorveljaw u li jinforzaw dan ir-regolament u mal-possibbiltajiet ta' rimedji ġudizzjarji tal-persuni kkonċernati, jagħtu lill-kompetituri s-setgħa sabiex jaġixxu, permezz ta' rikors quddiem il-qrati ċivili, minħabba ksur tal-imsemmi regolament, kontra l-awtur ta' dan, abbażi tal-projbizzjoni ta' prattiki kummerċjali [żleali]?

(2) Id-data li l-klijenti ta' spiżjar li jaġixxi bħala bejjiegħ fuq pjattaforma ta' bejgħ online jdaħħlu fuq din il-pjattaforma, meta ssir l-ordni ta' prodotti mediċinali li l-bejgħ tagħhom huwa effettivament irriżervat għall-ispiżeriji, iżda li ma humiex suġġetti għal riċetta medika (data bħall-isem tal-klijent, l-indirizz tal-kunsinna u informazzjoni neċessarja għall-individwalizzazzjoni tal-prodott mediċinali li l-bejgħ tiegħu huwa rriżervat għall-ispiżeriji u li ġie ordnat), tikkostitwixxi data dwar is-saħħa fis-sens tal-Artikolu 9(1) ta[l-GDPR] u data dwar is-saħħa fis-sens tal-Artikolu 8(1) tad-Direttiva [95/46]?"

Fuq id-domandi preliminari

Fuq l-ewwel domanda

46 Permezz tal-ewwel domanda tagħha, il-qorti tar-rinviju tfittex li issir taf jekk id-dispożizzjonijiet tal-Kapitolu VIII tal-GDPR għandhomx jiġu interpretati fis-sens li dawn jipprekludu leġiżlazzjoni nazzjonali li, flimkien mas-setgħat ta' intervent tal-awtoritajiet ta' kontroll inkarigati li jissorveljaw u li japplikaw dan ir-regolament flimkien mal-possibiltajiet ta' rimedji ġudizzjarji tas-suġġetti tad-data, jagħtu lill-kompetituri tal-allegat awtur ta' preġudizzju għall-protezzjoni tad-data personali l-*locus standi* sabiex jaġixxu kontrih permezz ta' rikors ippreżentat quddiem l-qrati ċivili, minħabba ksur tal-imsemmi regolament u abbażi tal-projbizzjoni tal-prattiki kummerċjali żleali.

47 Preliminarjament, għandu jitfakkar li l-Kapitolu VIII tal-GDPR jirregola, b'mod partikolari, ir-rimedji ġudizzjarji li jippermettu li jiġu protetti d-drittijiet tas-suġġett tad-data meta d-data personali li tikkonċernah tkun is-suġġett ta' pproċessar allegatament kuntrarju għad-dispożizzjonijiet ta' dan ir-regolament. Il-protezzjoni ta' dawn id-drittijiet tista' għalhekk tintalab jew direttament mis-suġġett tad-data, b'applikazzjoni tal-Artikoli 77 sa 79 ta' dan ir-regolament, jew minn entità awtorizzata, fil-preżenza jew fl-assenza ta' mandat għal dan il-għan, skont l-Artikolu 80 tal-imsemmi regolament (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tat-28 ta' April 2022, Meta Platforms Ireland, C-319/20, EU:C:2022:322, punt 53).

48 Fil-fatt, minn naħa, l-Artikolu 77(1) tal-GDPR jipprevedi li, mingħajr preġudizzju għal kwalunkwe azzjoni amministrattiva jew ġudizzjarja oħra, kull suġġett tad-data għandu d-dritt li jressaq lment quddiem awtorità ta' kontroll. Skont l-Artikolu 78(1) ta' dan ir-regolament, kull persuna fiżika jew ġuridika għandha d-dritt li tressaq azzjoni ġudizzjarja effettiva kontra deċiżjoni ġuridikament vinkolanti ta' awtorità ta' kontroll li tikkonċernaha, mingħajr preġudizzju għal kwalunkwe rimedju amministrattiv jew ekstraġudizzjarju ieħor. L-Artikolu 79(1) tal-imsemmi regolament jiggarantixxi lil kull suġġett tad-data d-dritt għal azzjoni ġudizzjarja effettiva, mingħajr

preġudizzju għal kwalunkwe rimedji amministrattivi jew ekstraġudizzjarji disponibbli għalih, inkluż id-dritt li jressaq ilment quddiem awtorità ta' kontroll skont l-Artikolu 77 tal-istess regolament.

49 Min-naħa l-oħra, skont l-Artikolu 80(1) tal-GDPR, is-suġġett tad-data għandu d-dritt li jagħti mandat lil organu, organizzazzjoni jew assoċjazzjoni mingħajr skop ta' lukru, taħt ċerti kundizzjonijiet, sabiex dawn iressqu lment jew jeżerċitaw, f'ismu, d-drittijiet previsti fl-Artikoli 77 sa 79 ta' dan ir-regolament. Barra minn hekk, skont l-Artikolu 80(2) tal-imsemmi regolament, l-Istati Membri jistgħu jipprevedu li kwalunkwe organu, organizzazzjoni jew assoċjazzjoni, irrispettivament minn kwalunkwe mandat fdat mis-suġġett tad-data, għandu, fl-Istat Membru inkwistjoni, id-dritt li jressaq tali lment quddiem l-awtorità ta' kontroll u li jeżerċita d-drittijiet tiegħu jekk huwa jqis li d-drittijiet tas-suġġett tad-data previsti fl-istess regolament ġew miksura minħabba l-ipproċessar tad-data personali li tikkonċernah.

50 Fil-każ ineżami, jirriżulta mill-proċess li għandha l-Qorti tal-Ġustizzja li ND, li jopera spiżerija, jikkummerċjalizza, fuq Amazon, prodotti mediċinali li l-bejgħ tagħhom huwa rriżervat għal spiżeriji u li, waqt l-ordni online ta' dawn il-prodotti mediċinali, il-klijenti għandhom jipprovdu data, bħal isimhom, l-indirizz tal-kunsinna u l-informazzjoni neċessarja għall-individwalizzazzjoni tal-imsemmija prodotti mediċinali. Madankollu, l-appell fil-kawża prinċipali ma tressaqx quddiem qorti ċivili mill-klijenti ta' ND, li huma suġġetti tad-data fis-sens tal-punt 1 tal-Artikolu 4 tal-GDPR, abbażi tal-Artikolu 79 ta' dan ir-regolament, lanqas minn organu, organizzazzjoni jew assoċjazzjoni awtorizzata, fil-preżenza jew fl-assenza ta' mandat riċevut mis-suġġett tad-data għal dan il-għan, skont l-Artikolu 80 tal-imsemmi regolament, iżda minn kompetitur ta' dan l-ispiżjar abbażi tal-projbizzjoni tal-prattiki kummerċjali żleali, minħabba ksur tad-dispożizzjonijiet tal-istess regolament li kien wettaq l-imsemmi spiżjar.

51 Il-kawża prinċipali tqajjem għalhekk il-kwistjoni dwar jekk l-GDPR jipprekludix li kompetitur bħal DR, li ma huwiex suġġett tad-data fis-sens tal-punt 1 tal-Artikolu 4 ta' dan ir-regolament, ikollu l-kwalità li jressaq tali rikors quddiem il-qrati ċivili nazzjonali.

52 F'dan ir-rigward, għandu jitfakkar li, sabiex tiġi interpretata dispożizzjoni tad-dritt tal-Unjoni, għandu jittieħed inkunsiderazzjoni mhux biss il-kliem tagħha, iżda wkoll il-kuntest tagħha u l-għanijiet imfittxija mil-leġiżlazzjoni li minnha tagħmel parti (sentenza tat-12 ta' Jannar 2023, Nemzeti Adatvédelmi és Információszabadság Hatóság, C-132/21, EU:C:2023:2, punt 32).

53 Fir-rigward tal-formulazzjoni tad-dispożizzjonijiet tal-Kapitolu VIII tal-GDPR, għandu jiġi kkonstatat li ebda waħda minnhom ma teskludi espressament il-possibbiltà għall-kompetitur ta' impriża li jressaq rikors quddiem il-qrati ċivili kontra din l-impriża abbażi tal-projbizzjoni ta' prattiki kummerċjali żleali, minħabba l-ksur allegat minn din l-impriża ta' obbligi previsti minn dan ir-regolament. Għall-kuntrarju, jirriżulta mill-kliem tal-Artikolu 77(1), tal-Artikolu 78(1) u tal-Artikolu 79(1) tal-GDPR mfakkra fil-punt 48 ta' din is-sentenza, li d-dritt li wieħed jressaq ilment quddiem awtorità ta' kontroll kif ukoll id-dritt għal azzjoni ġudizzjarja effettiva kontra tali awtorità u kontra kontrollur jew proċessur, għal dawn id-dispożizzjonijiet, huwa mifhum "mingħajr preġudizzju" għal kwalunkwe rikors amministrattiv, ġudizzjarju jew ekstraġudizzjarju ieħor.

54 Fir-rigward tal-kuntest li jagħmel parti minnu l-Kapitolu VIII tal-GDPR, għandu jiġi rrilevat li dan ir-regolament jinkludi, fil-Kapitolu II tiegħu, sett ta' dispożizzjonijiet sostantivi li jirrigwardaw, fost oħrajn, il-prinċipji relatati mal-ipproċessar ta' data personali, li jinsabu fl-Artikolu 5 tiegħu, u l-kundizzjonijiet ta' legalità tal-ipproċessar, stabbiliti fl-Artikolu 6 tiegħu, li huma intiżi li jiżguraw

ir-rispett sħiħ b'mod partikolari tad-dritt fundamentali għall-protezzjoni tad-data personali tas-suġġetti tad-data, iggarantit fl-Artikolu 16(1) TFUE u fl-Artikolu 8 tal-Karta. L-assenza, fil-Kapitolu VIII tal-GDPR, tad-dispożizzjoni li tipprevedi l-possibbiltà għall-kompetituri ta' impriża li allegatament kisret dawn id-dispożizzjonijiet sostantivi li jressqu rikors sabiex jwaqqfu dan il-ksur tista' tiġi spjegata għalhekk bil-fatt li huma biss s-suġġetti tad-data, u mhux dawn il-kompetituri, li huma, kif irrileva l-Avukat Ġenerali fil-punt 80 tal-konklużjonijiet tiegħu, destinatarji tal-protezzjoni tad-data personali assigurata minn dan ir-regolament.

55 Madankollu, għalkemm il-ksur tal-imsemmija dispożizzjonijiet sostantivi huwa ta' natura li jaffettwa primarjament lis-suġġetti tad-data kkonċernati mid-data inkwistjoni, dan jista' wkoll jippreġudika lil terzi, kif muri mill-fatt li l-Artikolu 82(1) tal-GDPR jipprevedi dritt għal kumpens għal "[k]walunkwe persuna li tkun ġarrbet xi dannu materjali jew mhux materjali b'riżultat ta' ksur ta' dan ir-Regolament". Il-Qorti tal-Ġustizzja diġà kellha wkoll l-okkażjoni tikkonstata li l-ksur ta' regola dwar il-protezzjoni tad-data personali jista' fl-istess ħin iwassal għall-ksur ta' regoli dwar il-protezzjoni tal-konsumaturi jew dwar il-prattiki kummerċjali żleali (sentenza tat-28 ta' April 2022, Meta Platforms Ireland, C-319/20, EU:C:2022:322, punt 78) u jikkostitwixxi indizju importanti għall-finijiet tal-evalwazzjoni tal-eżistenza ta' abbuż minn pożizzjoni dominanti fis-sens tal-Artikolu 102 TFUE (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-4 ta' Lulju 2023, Meta Platforms *et* (Kundizzjonijiet ġenerali għall-użu ta' network soċjali), C-252/21, EU:C:2023:537, punti 47 u 62).

56 F'dan il-kuntest, għandu jitfakkar li l-aċċess għad-data personali kif ukoll l-użu tagħha huma ta' importanza kbira fil-kuntest tal-ekonomija diġitali. Fil-fatt, l-aċċess għad-data personali u l-possibbiltà ta' pproċessar ta' din id-data saru parametru sinjifikattiv tal-kompetizzjoni bejn impriżi tal-ekonomija diġitali. Għaldaqstant, sabiex tittieħed inkunsiderazzjoni r-realtà ta' dan l-iżvilupp ekonomiku u sabiex tiġi żgurata kompetizzjoni leali, jista' jkun neċessarju li jittieħdu inkunsiderazzjoni r-regoli fil-qasam tal-protezzjoni tad-data personali fil-kuntest tal-applikazzjoni tad-dritt tal-kompetizzjoni u tar-regoli dwar il-prattiki kummerċjali żleali (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-4 ta' Lulju 2023, Meta Platforms *et* (Kundizzjonijiet ġenerali għall-użu ta' network soċjali), C-252/21, EU:C:2023:537, punti 50 u 51).

57 Barra minn hekk, għalkemm jirriżulta mill-Artikolu 1(1) tal-GDPR, moqri fid-dawl, b'mod partikolari, tal-premessi 9 u 13 tiegħu, li dan ir-regolament huwa intiż li jiżgura armonizzazzjoni tal-leġiżlazzjonijiet nazzjonali dwar il-protezzjoni tad-data personali li hija, bħala prinċipju, kompleta, xorta jibqa' l-fatt li diversi dispożizzjonijiet tal-imsemmi regolament jiftħu espressament il-possibbiltà għall-Istati Membri li jipprevedu regoli nazzjonali supplimentari, iktar stretti jew derogatorji, li jħallu lil dawn tal-aħħar marġni ta' evalwazzjoni dwar il-mod kif dawn id-dispożizzjonijiet jistgħu jiġu implimentati ("klawżoli ta' ftuħ") (sentenza tat-28 ta' April 2022, Meta Platforms Ireland, C-319/20, EU:C:2022:322, punt 57).

58 Il-Qorti tal-Ġustizzja diġà ddeċidiet li dan huwa l-każ tal-Artikolu 80(2) tal-GDPR, li jħalli lill-Istati Membri marġni ta' evalwazzjoni fir-rigward tal-implimentazzjoni tiegħu u li ma jipprekludix leġiżlazzjoni nazzjonali li tippermetti lil assoċjazzjoni għall-ħarsien tal-interessi tal-konsumaturi tressaq azzjoni ġudizzjarja, fl-assenza ta' mandat mogħti lilha għal dan l-għan u indipendentement mill-ksur ta' drittijiet konkreti tas-suġġetti tad-data, kontra l-allegat awtur ta' preġudizzju għall-protezzjoni tad-data personali, billi jinvoka b'mod partikolari l-ksur tal-projbizzjoni tal-prattiki kummerċjali żleali, peress li l-ipproċessar ta' data kkonċernat jista' jaffettwa d-drittijiet li persuni fiżiċi identifikati jew identifikabbli jisiltu minn dan ir-regolament (sentenza tat-28 ta' April 2022, Meta Platforms Ireland, C-319/20, EU:C:2022:322, punti 59 u 83).

59 Ċertament, id-dispożizzjonijiet tal-Kapitolu VIII tal-GDPR ma jipprevedux speċifikament tali klawżola ta' ftuħ li tippermetti, b'mod espress, lill-Istati Membri jipprevedu l-possibbiltà għall-kompetitur ta' impriża li allegatament tikser id-dispożizzjonijiet sostantivi ta' dan ir-regolament li jressaq appell sabiex jitwaqqaf dan il-ksur.

60 Madankollu, jirriżulta mill-kliem u mill-kuntest tad-dispożizzjonijiet tal-Kapitolu VIII, imfakkra fil-punti 53 u 58 ta' din is-sentenza, li, għall-adozzjoni tal-imsemmi regolament, il-leġiżlatur tal-Unjoni ma kellux l-intenzjoni jipproċedi għal armonizzazzjoni eżawrjenti tar-rimedji disponibbli fil-każ ta' ksur tad-dispożizzjonijiet tal-GPDR u b'mod partikolari ma xtaqx jeskludi tali possibbiltà ta' rimedju għall-kompetituri tal-allegat awtur ta' preġudizzju għall-protezzjoni tad-data personali, abbażi tad-dritt nazzjonali dwar il-projbizzjoni tal-prattiki kummerċjali żleali.

61 Din l-interpretazzjoni hija kkonfermata mill-għanijiet mfittxija mill-GDPR, li huma intiżi, kif jirriżulta b'mod partikolari mill-premessa 10 ta' dan ir-regolament, li jiżguraw livell konsistenti u għoli ta' protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali u li jitneħħew l-ostakoli għal fluss ta' din id-data fi ħdan l-Unjoni. Il-premessa 11 ta' dan ir-regolament tipprovdi, barra minn hekk, li l-protezzjoni effettiva tad-data teħtieġ it-tisħiħ tad-drittijiet tas-suġġett tad-data u l-obbligi ta' dawk li jwettqu u jiddeterminaw l-ipproċessar tad-data, kif ukoll li jiġu previsti, fl-Istati Membri, setgħat ekwivalenti għas-sorveljanza u għall-kontroll tal-osservanza tar-regoli dwar il-protezzjoni tad-data personali u dwar is-sanzjonijiet ekwivalenti għall-ksur. Il-premessa 13 tal-imsemmi regolament tippreċiża li, sabiex jiġi żgurat livell konsistenti ta' protezzjoni għall-persuni fiżiċi fl-Unjoni kollha, u sabiex jiġu evitati diverġenzi li jfixklu l-moviment liberu tad-data personali fis-suq intern, huwa meħtieġ regolament li jiggarantixxi ċ-ċertezza legali u t-trasparenza għall-operaturi ekonomiċi, biex jipprovdi lill-persuni fiżiċi fl-Istati Membri kollha l-istess livell ta' drittijiet infurzabbli bil-liġi u obbligi u responsabbiltajiet għall-kontrolluri u għall-proċessuri, sabiex tkun żgurata sorveljanza konsistenti tal-ipproċessar tad-data personali, u sanzjonijiet ekwivalenti fl-Istati Membri kollha.

62 Il-possibbiltà għall-kompetitur ta' impriża li jressaq rikors quddiem il-qrati ċivili abbażi tal-projbizzjoni ta' prattiki kummerċjali żleali sabiex jitwaqqaf ksur tad-dispożizzjonijiet sostantivi tal-GDPR, allegatament imwettaq minn din l-impriża, mhux biss ma tippreġudikax dawn l-għanijiet iżda hija, għall-kuntrarju, ta' natura li ssaħħaħ l-effett utli ta' dawn id-dispożizzjonijiet u għalhekk il-livell għoli ta' protezzjoni tas-suġġetti tad-data fir-rigward tal-ipproċessar tad-data personali tagħhom, previst minn dan ir-regolament.

63 Fil-fatt, minn naħa, azzjoni għal inibizzjoni mressqa minn kompetitur kontra impriża abbażi tal-projbizzjoni tal-prattiki kummerċjali żleali, minħabba l-ksur allegat tad-dispożizzjonijiet sostantivi tal-GDPR, bl-ebda mod ma tippreġudika s-sistema tar-rimedji prevista fil-Kapitolu VIII ta' dan ir-regolament, u lanqas l-għan li jiġi żgurat livell konsistenti ta' protezzjoni tal-persuni fiżiċi fl-Unjoni kollha u li jiġi evitat li diverġenzi jostakolaw il-moviment liberu tad-data personali fi ħdan is-suq intern.

64 Ċertament, tali azzjoni tista' tkun ibbażata, għalkemm b'mod inċidentali, fuq il-ksur tal-istess dispożizzjonijiet tal-GDPR bħal dawk li fuqhom jista' jkun ibbażat ilment jew rikors imressaq, skont l-Artikoli 77 sa 79 tal-istess regolament, mis-suġġetti tad-data jew minn organu, organizzazzjoni jew assoċjazzjoni, fis-sens tal-Artikolu 80 tal-imsemmi regolament.

65 Madankollu, l-ewwel nett, b'differenza mill-Artikoli 77 sa 80 tal-GDPR, l-azzjoni għal inibizzjoni mressqa minn kompetitur ma ssegwix, bħala tali, għan ta' protezzjoni tal-libertajiet u tad-drittijiet fundamentali tas-suġġetti tad-data fir-rigward tal-ipproċessar tad-data personali tagħhom, iżda hija intiża li tiżgura kompetizzjoni leali, fl-interess b'mod partikolari ta' dan il-kompetitur.

66 It-tieni nett, il-possibbiltà għal kompetitur li jressaq tali azzjoni quddiem il-qrati ċivili abbażi tal-projbizzjoni ta' prattiki kummerċjali żleali tiżdied mar-rimedji ġudizzjarji stabbiliti fl-Artikoli 77 sa 79 tal-GDPR, li huma ppreżervati b'mod sħiħ u li dejjem jistgħu jiġu eżerċitati mis-suġġetti tad-data kif ukoll, jekk ikun il-każ, mill-organi, mill-organizzazzjonijiet jew mill-assoċjazzjonijiet, fis-sens tal-Artikolu 80 ta' dan ir-regolament.

67 B'mod partikolari, kif irrileva l-Gvern Ġermaniż, il-koeżistenza ta' rimedji ġudizzjarji li jaqgħu taħt id-dritt tal-protezzjoni tad-data u tad-dritt tal-kompetizzjoni ma toħloqx riskju għall-applikazzjoni uniformi tal-GDPR. F'dan il-kuntest, għandu jitfakkar li kif jirriżulta mill-Artikoli 77 sa 80 ta' dan ir-regolament, dan ir-regolament ma jipprevedix kompetenza prijoritarja jew esklużiva u lanqas ebda regola ta' supremazija tal-evalwazzjoni mwettqa mill-imsemmija awtorità jew il-qrati li huma msemmija fir-rigward tal-eżistenza ta' ksur tad-drittijiet mogħtija mill-imsemmi regolament (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tat-12 ta' Jannar 2023, Nemzeti Adatvédelmi és Információszabadság Hatóság, C-132/21, EU:C:2023:2, punt 35). Għaldaqstant, il-fatt li l-azzjoni għal inibizzjoni titressaq minn kompetitur tal-allegat awtur ta' preġudizzju għall-protezzjoni tad-data personali quddiem il-qrati ċivili ma jippreġudikax is-sistema tar-rimedji ġudizzjarji, kif stabbilita fil-Kapitolu VIII tal-GDPR. Barra minn hekk, kif osserva dan il-gvern, l-interpretazzjoni uniformi tad-dispożizzjonijiet sostantivi ta' dan ir-regolament, li jistgħu jiġu applikati għall-istess ksur mill-awtorità ta' kontroll u mill-qrati aditi skont l-Artikoli 77 sa 80 tal-imsemmi regolament, minn naħa, u mill-qrati aditi minn tali kompetitur abbażi tal-projbizzjoni ta' prattiki kummerċjali żleali, min-naħa l-oħra, hija żgurata mill-proċedura għal deċiżjoni preliminari, prevista fl-Artikolu 267 TFUE.

68 It-tielet nett, kif irrileva essenzjalment l-Avukat Ġenerali fil-punt 104 tal-konklużjonijiet tiegħu, l-invokabbiltà iktar wiesgħa tad-dispożizzjonijiet sostantivi tal-GDPR, minn persuni li ma humiex is-suġġetti tad-data u l-organi, organizzazzjonijiet u assoċjazzjonijiet, fis-sens tal-Artikolu 80 ta' dan ir-regolament, ma tippreġudikax it-twettiq tal-għan li jiġi żgurat livell konsistenti ta' protezzjoni ta' dawn il-persuni fl-Unjoni kollha u li jiġi evitat li diverġenzi jostakolaw il-moviment liberu tad-data personali fi ħdan is-suq intern. Fil-fatt, anki jekk l-Istati Membri ma jipprevedux tali possibbiltà, dan, madankollu, ma jirriżultax fi frammentazzjoni tal-implimentazzjoni tal-protezzjoni tad-data fl-Unjoni, peress li d-dispożizzjonijiet sostantivi tal-GDPR huma imposti bl-istess mod fuq il-kontrolluri kollha, fis-sens tal-punt 7 tal-Artikolu 4 ta' dan ir-regolament, u l-osservanza tagħhom hija żgurata mir-rimedji ġudizzjarji previsti fl-imsemmi regolament.

69 Min-naħa l-oħra, fir-rigward tal-għan li tiġi żgurata protezzjoni effettiva tas-suġġetti tad-data fir-rigward tal-ipproċessar tad-data personali tagħhom u tal-effett utli tad-dispożizzjonijiet sostantivi tal-GDPR, għandu jiġi kkonstatat li, għalkemm azzjoni għall-inibizzjoni ta' kompetitur tal-allegat awtur ta' preġudizzju għall-protezzjoni tad-data personali hija intiża, kif ġie rrilevat fil-punt 65 ta' din is-sentenza, mhux għal dan l-għan iżda dak li tiġi żgurata kompetizzjoni leali, xorta jibqa' l-fatt li din tikkontribwixxi inkontestabbilment għall-osservanza ta' dawn id-dispożizzjonijiet u, għalhekk, sabiex issaħħaħ id-drittijiet tas-suġġetti tad-data u tiżguralhom livell għoli ta' protezzjoni (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tat-28 ta' April 2022, Meta Platforms Ireland, C-319/20, EU:C:2022:322, punt 74).

70 Ulterjorment, tali azzjoni għal inibizzjoni ta' kompetitur tista' tirriżulta, bħal dik tal-assoċjazzjonijiet għall-ħarsien tal-interessi tal-konsumaturi, partikolarment effettiva sabiex tiġi żgurata tali protezzjoni, sa fejn din tista' tipprevjeni numru kbir ta' ksur tad-drittijiet tas-suġġetti tad-data mill-ipproċessar tad-data personali tagħhom (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tat-28 ta' April 2022, Meta Platforms Ireland, C-319/20, EU:C:2022:322, punt 75).

71 Minn dan isegwi li l-interpetazzjoni adottata fil-punt 60 ta' din is-sentenza hija konformi mar-rekwiżiti li jirriżultaw mill-Artikolu 16(1) TFUE u mill-Artikolu 8 tal-Karta u, għalhekk, mill-għan imfittex mill-GDPR jiġifieri li tiġi żgurata protezzjoni effikaċi tal-libertajiet u tad-drittijiet fundamentali tal-persuni fiżiċi kif ukoll, b'mod partikolari, li jiġi żgurat livell għoli ta' protezzjoni tad-dritt ta' kull persuna għall-protezzjoni tad-data personali li tikkonċernaha (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tat-28 ta' April 2022, Meta Platforms Ireland, C-319/20, EU:C:2022:322, punt 73).

72 F'dan il-każ, hija l-qorti tar-rinviju li għandha tivverifika jekk l-allegat ksur tad-dispożizzjonijiet sostantivi tal-GDPR inkwistjoni fil-kawża prinċipali, sakemm dan ikun stabbilit, jikkostitwixxix ukoll ksur tal-projbizzjoni ta' prattiki kummerċjali żleali kif previst mil-leġiżlazzjoni nazzjonali rilevanti.

73 Fid-dawl tal-kunsiderazzjoni preċedenti, ir-risposta għall-ewwel domanda għandha tkun li d-dispożizzjonijiet tal-Kapitolu VIII tal-GDPR għandhom jiġu interpretati fis-sens li dawn ma jipprekludux leġiżlazzjoni nazzjonali li, flimkien mas-setgħat ta' intervent tal-awtoritajiet ta' kontroll inkarigati li jissorveljaw u li japplikaw dan ir-regolament flimkien mal-possibiltajiet ta' rimedji ġudizzjarji tas-suġġetti tad-data, jagħtu lill-kompetituri tal-allegat awtur ta' preġudizzju għall-protezzjoni tad-data personali l-*locus standi* sabiex jaġixxu kontrih permezz ta' rikors ippreżentat quddiem l-qrati ċivili, minħabba ksur tal-imsemmi regolament u abbażi tal-projbizzjoni tal-prattiki kummerċjali żleali.

Fuq it-tieni domanda

74 Permezz tat-tieni domanda tagħha, il-qorti tar-rinviju tixtieq tkun taf, essenzjalment, jekk l-Artikolu 8(1) tad-Direttiva 95/46 u l-Artikolu 9(1) tal-GDPR għandhomx jiġu interpretati fis-sens li, fis-sitwazzjoni fejn l-operatur ta' spiżerija jikkummerċjalizza, permezz ta' pjattaforma online, prodotti mediċinali li l-bejgħ tagħhom huwa rriżervat għall-ispiżeriji, l-informazzjoni li l-klijenti ta' dan l-operatur jipprovdu waqt l-ordni online ta' prodotti mediċinali, bħall-isem tagħhom, l-indirizz ta' kunsinna u l-informazzjoni neċessarja għall-individwalizzazzjoni tal-prodotti mediċinali, tikkostitwixxi data dwar is-saħħa, fis-sens ta' dawn id-dispożizzjonijiet, anki meta l-bejgħ ta' dawn il-prodotti mediċinali ma huwiex suġġett għal riċetta medika.

75 L-Artikolu 8(1) tad-Direttiva 95/46 u l-Artikolu 9(1) tal-GDPR, li għandhom portata simili għall-finijiet tal-interpretazzjoni li l-Qorti tal-Ġustizzja hija mitluba tagħti (sentenza tal-1 ta' Awwissu 2022, Vyriausioji tarnybinės etikos komisija, C-184/20, EU:C:2022:601, punti 58 u 117) u jirrigwardaw, kif jindika t-titolu ta' dawn l-artikoli, l-ipproċessar li jirrigwarda "kategoriji speċjali" ta' data personali, jistabbilixxu l-prinċipju ta' projbizzjoni ta' dan l-ipproċessar. Fil-fatt, kif tiddikjara b'mod espress il-premessa 51 ta' dan ir-regolament, id-data personali li min-natura tagħha hija partikolarment sensittiva mill-perspettiva tal-libertajiet u tad-drittijiet fundamentali jistħoqqilha protezzjoni speċifika, peress li l-kuntest li fih tiġi pproċessata jista' joħloq riskji sinjifikattivi għal dawn il-libertajiet u dawn id-drittijiet.

76 Fost dawn il-kategoriji partikolari ta' data personali, li l-lista tagħhom hija mogħtija fl-Artikolu 8(1) tad-Direttiva 95/46 u fl-Artikolu 9(1) tal-GDPR, hemm id-data dwar is-saħħa. Dawn jinkludu, konformement mal-punt 15 tal-Artikolu 4 ta' dan ir-regolament, moqri flimkien mal-premessa 35 tal-imsemmi regolament, id-data personali kollha li tiżvela informazzjoni dwar l-istat ta' saħħa fiżika jew mentali fil-passat, preżent jew futur ta' persuna fiżika, inkluża data dwar l-għoti lil din il-persuna ta' servizzi ta' kura tas-saħħa.

77 Barra minn hekk, jirriżulta b'mod partikolari mill-punt 1 tal-Artikolu 4 tal-GDPR li l-kunċett ta' "data personali" jinkludi l-informazzjoni kollha li tirrigwarda persuna fiżika identifikata jew identifikabli u li, sabiex tkun ikkwalifikata bħala "identifikabli", huwa biżżejjed li s-suġġett tad-data jista' jkun identifikat, direttament jew indirettament, b'mod partikolari b'referenza għal mezz ta' identifikazzjoni bħal isem, numru ta' identifikazzjoni, data ta' lokalizzazzjoni, identifikatur online jew għal fattur wieħed jew aktar speċifiċi għall-identità fiżika, fiżjoloġika, ġenetika, mentali, ekonomika, kulturali jew soċjali ta' dik il-persuna fiżika.

78 Għalhekk, meta d-data dwar ix-xiri tal-prodotti mediċinali tippermetti li jinsiltu konklużjonijiet dwar l-istat ta' saħħa ta' persuna identifikata jew identifikabbli, din għandha titqies bħala data li tikkonċerna s-saħħa fis-sens tal-punt 15 tal-Artikolu 4 tal-GDPR.

79 F'dan il-każ, mill-proċess għad-dispożizzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja jirriżulta li l-klijenti ta' ND jipprovdu, waqt l-ordni online fuq Amazon ta' prodotti mediċinali li l-bejgħ tagħhom huwa rriżervat għall-ispiżeriji, informazzjoni bħalma huma isimhom, l-indirizz tal-kunsinna u l-elementi ta' individwalizzazzjoni tal-prodotti mediċinali. Tali informazzjoni ċertament tikkostitwixxi "data personali", fis-sens li għandha x'taqsam ma' persuni fiżiċi identifikati jew identifikabbli.

80 F'dawn iċ-ċirkustanzi, għandu jiġi ddeterminat jekk tali data hija ta' natura li tiżvela informazzjoni dwar l-istat ta' saħħa ta' dawn il-persuni, fis-sens tal-punt 15 tal-Artikolu 4 tal-GDPR u li, konsegwentement, tikkostitwixxi data dwar is-saħħa, fis-sens tal-Artikolu 8(1) tad-Direttiva 95/46 u tal-Artikolu 9(1) ta' dan ir-regolament.

81 F'dawn ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja diġà ddeċidiet li, fid-dawl tal-għan tad-Direttiva 95/46 u tal-GDPR, li huwa li jiġi ggarantit livell għoli ta' protezzjoni tal-libertajiet u tad-drittijiet fundamentali tal-persuni fiżiċi, b'mod partikolari tal-ħajja privata tagħhom, fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali li tikkonċernahom, il-kunċett ta' "data dwar is-saħħa" imsemmi fl-Artikolu 9(1) ta' dan ir-regolament, li jikkorrispondi għal kunċett ta' "data dwar is-saħħa" imsemmi fl-Artikolu 8(1) ta' din id-direttiva, għandu jiġi interpretat b'mod wiesa' (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tas-6 ta' Novembru 2003, Lindqvist, C-101/01, EU:C:2003:596, punt 50, u tal-1 ta' Awwissu 2022, Vyriausioji tarnybinės etikos komisija, C-184/20, EU:C:2022:601, punt 125).

82 B'mod partikolari, dawn id-dispożizzjonijiet ma jistgħux jiġu interpretati fis-sens li l-ipproċessar ta' data personali li tista' tiżvela, b'mod indirett, informazzjoni sensittiva dwar persuna fiżika huwa eskluż mis-sistema ta' protezzjoni msaħħa prevista mill-imsemmija dispożizzjonijiet, ħlief sabiex jiġi ppreġudikat l-effett utli ta' din is-sistema u tal-protezzjoni tal-libertajiet u tad-drittijiet fundamentali tal-persuni fiżiċi li hija intiża li tiżgura (sentenza tal-1 ta' Awwissu 2022, Vyriausioji tarnybinės etikos komisija, C-184/20, EU:C:2022:601, punt 127).

83 Għaldaqstant, sabiex data personali tkun tista' tiġi kklassifikata bħala data dwar is-saħħa, fis-sens tal-Artikolu 8(1) tad-Direttiva 95/46 u tal-Artikolu 9(1) tal-GDPR, huwa biżżejjed li din id-data tkun ta' natura li tiżvela, permezz ta' proċess intellettwali ta' approssimazzjoni jew ta' deduzzjoni, informazzjoni dwar l-istat ta' saħħa tas-suġġett tad-data (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-1 ta' Awwissu 2022, Vyriausioji tarnybinės etikos komisija, C-184/20, EU:C:2022:601, punt 123).

84 Issa, id-data li klijent jipprovdi fuq pjattaforma online waqt l-ordni ta' prodotti mediċinali li l-bejgħ tagħhom huwa rriżervat għal spiżeriji huwa ta' natura li jiżvela, permezz ta' proċess intellettwali ta' approssimazzjoni jew ta' deduzzjoni, informazzjoni dwar l-istat ta' saħħa ta' suġġett tad-data, fis-sens tal-punt 1 tal-Artikolu 4 tal-GDPR, sa fejn din l-ordni timplika l-istabbiliment ta' rabta bejn prodott mediċinali, l-indikazzjonijiet terapewtiċi tiegħu jew l-użu tiegħu, u persuna fiżika identifikata jew identifikabbli permezz ta' elementi bħal l-isem ta' din il-persuna jew l-indirizz ta' kunsinna.

85 Il-qorti tar-rinviju tistaqsi madankollu dwar jekk il-fatt li l-bejgħ tal-prodotti mediċinali ordnati ma huwiex suġġett għal riċetta medika huwiex rilevanti sa fejn, f'dan il-każ, dawn il-prodotti mediċinali jistgħu jkunu intiżi mhux għall-klijent li jagħmel l-ordni iżda għal terzi.

86 F'dan ir-rigward, għandu jiġi rrilevat li, għall-finijiet tal-applikazzjoni tal-Artikolu 8(1) tad-Direttiva 95/46 u tal-Artikolu 9(1) tal-GDPR, għandu jiġi vverifikat, fil-każ ta' pproċessar ta' data personali mwettaq mill-operatur ta' spiżerija fil-kuntest ta' attività mwettqa abbażi ta' pjattaforma online, jekk dik id-data tippermettix li tiġi żvelata informazzjoni dwar waħda mill-kategoriji imsemmija f'dawn id-dispożizzjonijiet, kemm jekk din l-informazzjoni tikkonċerna utent ta' din il-pjattaforma kif ukoll jekk tikkonċerna kwalunkwe persuna fiżika oħra. Fl-affermattiv, tali pproċessar ta' data personali jkun għaldaqstant ipprojbit, bla ħsara għad-derogi previsti fit-tieni paragrafu tal-imsemmija dispożizzjonijiet (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-4 ta' Lulju 2023, Meta Platforms *et* (Kundizzjonijiet ġenerali għall-użu ta' network soċjali), C-252/21, EU:C:2023:537, punt 68).

87 Din il-projbizzjoni bħala prinċipju hija indipendenti mill-kwistjoni dwar jekk l-informazzjoni żvelata mill-ipproċessar inkwistjoni hijiex eżatta jew le u jekk dan l-operatur jaġixxi bl-għan li jikseb informazzjoni li taqa' taħt waħda mill-kategoriji speċjali msemmija fl-Artikolu 8(1) tad-Direttiva 95/46 u tal-Artikolu 9(1) tal-GDPR. Fil-fatt, fid-dawl tar-riskji sinjifikattivi għal-libertajiet fundamentali u għad-drittijiet fundamentali tas-suġġett tad-data, li jirriżultaw minn kull ipproċessar ta' data personali li jaqa' taħt dawn il-kategoriji, l-imsemmija dispożizzjonijiet għandhom l-għan li jipprojbixxu dan l-ipproċessar, indipendentement mill-għan iddikjarat tagħhom u mill-eżattezza tal-informazzjoni inkwistjoni (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-4 ta' Lulju 2023, Meta Platforms *et* (Kundizzjonijiet ġenerali għall-użu ta' network soċjali), C-252/21, EU:C:2023:537, punti 69 u 70).

88 Minn dan isegwi li, fil-każ li utent ta' pjattaforma online jikkomunika data personali waqt l-ordni ta' prodotti mediċinali online li l-bejgħ tagħhom huwa rriżervat għal spiżeriji mingħajr ma jkun suġġett għal riċetta medika, l-ipproċessar ta' din id-data mill-operatur ta' spiżerija li jbigħ il-prodotti mediċinali tiegħu abbażi ta' din il-pjattaforma online għandu jiġi kkunsidrat bħala li huwa ipproċessar li jirrigwarda data dwar is-saħħa, fis-sens tal-Artikolu 8(1) tad-Direttiva 95/46 u tal-Artikolu 9(1) tal-GDPR, peress li dan l-ipproċessar ta' data huwa ta' natura li jiżvela informazzjoni dwar l-istat ta' saħħa ta' persuna fiżika, kemm jekk din l-informazzjoni tikkonċerna dan l-utent kif ukoll jekk tikkonċerna kwalunkwe persuna oħra li għaliha twettqet din l-ordni (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-4 ta' Lulju 2023, Meta Platforms *et* (Kundizzjonijiet ġenerali għall-użu ta' network soċjali), C-252/21, EU:C:2023:537, punt 73).

89 Fil-fatt, interpretazzjoni ta' dawn id-dispożizzjonijiet li twassal sabiex isir distinzjoni skont it-tip ta' prodotti mediċinali kkonċernati u l-fatt li l-bejgħ tagħhom huwa jew ma huwiex suġġett għal riċetta medika ma jkunx konsistenti mal-għan ta' livell għoli ta' protezzjoni, mfakkar fil-punt 81 ta' din is-sentenza. Barra minn hekk, tali interpretazzjoni tmur kontra l-għan tal-Artikolu 8(1) tad-Direttiva 95/46 u tal-Artikolu 9(1) tal-GDPR, li jikkonsisti f'li tiġi żgurata protezzjoni ikbar kontra l-ipproċessar li, minħabba s-sensittività partikolari tad-data li tkun is-suġġett tiegħu, jista' jikkostitwixxi, kif jirriżulta b'mod partikolari mill-premessa 51 tal-GDPR, indħil partikolarment gravi fid-drittijiet fundamentali għar-rispett tal-ħajja privata u għall-protezzjoni tad-data personali, iggarantiti mill-Artikoli 7 u 8 tal-Karta (sentenza tal-1 ta' Awwissu 2022, Vyriausioji tarnybinės etikos komisija, C-184/20, EU:C:2022:601, punt 126 u l-ġurisprudenza ċċitata).

90 Għaldaqstant, l-informazzjoni li l-klijenti ta' operatur ta' spiżerija jipprovdu waqt l-ordni online ta' prodotti mediċinali li l-bejgħ tagħhom huwa rriżervat għal spiżeriji mingħajr ma jkunu suġġetti għal riċetta medika tikkostitwixxi data dwar is-saħħa, fis-sens tal-Artikolu 8(1) tad-Direttiva 95/46 u tal-Artikolu 9(1) tal-GPDR, anki jekk tkun biss permezz ta' ċerta probabbiltà, u mhux b'ċertezza assoluta, li dawn il-prodotti mediċinali jkunu ddestinati għal dawn il-klijenti.

91 Barra minn hekk, ma jistax jiġi eskluż li, anki fl-ipoteżi fejn tali prodotti mediċinali huma ordnati għal persuni oħra minbarra l-klijenti, huwa possibbli li jiġu identifikati dawn il-persuni u li jinsiltu konklużjonijiet dwar l-istat ta' saħħa tagħhom. Dan jista' jkun il-każ, pereżempju, meta l-prodotti mediċinali inkwistjoni jiġu kkunsinnati mhux fid-dar tal-klijent li jkun ordnahom iżda fid-dar ta' persuna oħra, jew meta, indipendentement mill-indirizz tal-kunsinna, il-klijent ikun irrefera, fl-ordni tiegħu jew fil-komunikazzjonijiet tiegħu relatati magħha, għal persuna oħra identifikabbli, bħal membru tal-familja tiegħu. Bl-istess mod, meta l-ordni teżiġi l-identifikazzjoni u/jew ir-reġistrazzjoni tal-klijent, pereżempju permezz tal-ħolqien ta' kont tal-klijent jew l-adeżjoni tiegħu fi skema ta' lealtà, ma huwiex eskluż li l-informazzjoni pprovduta mill-klijent f'dan il-kuntest tista' tintuża sabiex jinsiltu konklużjonijiet mhux biss dwar l-istat ta' saħħa ta' dan il-klijent, iżda wkoll dwar dik ta' persuna oħra, b'mod partikolari flimkien mal-informazzjoni dwar il-prodotti mediċinali ordnati.

92 Fl-aħħar, kif imfakkar fil-punt 86 ta' din is-sentenza, l-fatt li informazzjoni bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali tikkostitwixxi data dwar is-saħħa, fis-sens tal-Artikolu 8(1) tad-Direttiva 95/46 u tal-Artikolu 9(1) tal-GDPR, ma jżommhiex milli, kif jirriżulta b'mod partikolari mill-premessa 53 tal-GDPR, tkun tista' tkun is-suġġett ta' pproċessar, b'mod partikolari fil-kuntest ta' ġestjoni ta' servizzi u ta' sistemi ta' kura tas-saħħa, jekk waħda mill-kundizzjonijiet stabbiliti fit-tieni paragrafu ta' dawn id-dispożizzjonijiet tkun issodisfatta.

93 Dan jista' b'mod partikolari jkun il-każ, minn naħa, jekk, konformement mal-punt (a) ta' dan it-tieni paragrafu, u bla ħsara għall-eċċezzjoni prevista fih, is-suġġett tad-data jagħti l-kunsens espliċitu tiegħu għall-ipproċessar wieħed jew iktar tal-imsemmija data personali li l-karatteristiċi u l-għanijiet speċifiċi tiegħu jkunu ġew ippreżentati lilu b'mod preċiż, komprensiv u li jinftiehem faċilment. Min-naħa l-oħra, tali pproċessar jista' jkun ammissibbli abbażi tal-Artikolu 9(2)(h) tal-GDPR meta jkun neċessarju għall-finijiet tal-kura tas-saħħa abbażi tad-dritt tal-Unjoni, tad-dritt ta' Stat Membru jew bis-saħħa ta' kuntratt konklużma' professjonist tas-saħħa.

94 Fid-dawl ta' dak li ntqal iktar 'il fuq, ir-risposta għat-tieni domanda għandha tkun li l-Artikolu 8(1) tad-Direttiva 95/46 u l-Artikolu 9(1) tal-GDPR għandhom jiġu interpretati fis-sens li, fis-sitwazzjoni fejn l-operatur ta' spiżerija jikkummerċjalizza, permezz ta' pjattaforma online, prodotti mediċinali li l-bejgħ tagħhom huwa rriżervat għall-ispiżeriji, l-informazzjoni li l-klijenti

ta' dan l-operatur jipprovdu waqt l-ordni online ta' prodotti mediċinali, bħall-isem tagħhom, l-indirizz ta' kunsinna u l-informazzjoni neċessarja għall-individwalizzazzjoni tal-prodotti mediċinali, tikkostitwixxi data dwar is-saħħa, fis-sens ta' dawn id-dispożizzjonijiet, anki meta l-bejgħ ta' dawn il-prodotti mediċinali ma huwiex suġġett għal riċetta medika.

Fuq l-ispejjeż

95 Peress li l-proċedura għandha, fir-rigward tal-partijiet fil-kawża prinċipali, in-natura ta'kwistjoni mqajma quddiem il-qorti tar-rinviju, hija dik il-qorti li tiddeċiedi fuq l-ispejjeż. L-ispejjeż sostnuti għas-sottomissjoni tal-osservazzjonijiet lill-Qorti tal-Ġustizzja, barra dawk tal-imsemmija partijiet, ma jistgħux jitħallsu lura.

Għal dawn il-motivi, Il-Qorti tal-Ġustizzja (Awla Manja) taqta' u tiddeċiedi:

1) Id-dispożizzjonijiet tal-Kapitolu VIII tar-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' *data* personali u dwar il-moviment liberu ta' tali *data*, u li jħassar id-Direttiva 95/46/KE (Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-*Data*),

għandhom jiġu interpretati fis-sens li:

dawn ma jipprekludux leġiżlazzjoni nazzjonali li, flimkien mas-setgħat ta' intervent tal-awtoritajiet ta' kontroll inkarigati li jissorveljaw u li japplikaw dan ir-regolament flimkien mal-possibiltajiet ta' rimedji ġudizzjarji tas-suġġetti tad-data, jagħtu lill-kompetituri tal-allegat awtur ta' preġudizzju għall-protezzjoni tad-data personali l-*locus standi* sabiex jaġixxu kontrih permezz ta' rikors ippreżentat quddiem l-qrati ċivili, minħabba ksur tal-imsemmi regolament u abbażi tal-projbizzjoni tal-prattiki kummerċjali żleali.

2) L-Artikolu 8(1) tad-Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill 95/46/KE tal-24 ta' Ottubru 1995 dwar il-protezzjoni ta' individwi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali u dwar il-moviment liberu ta' dik id-data, u l-Artikolu 9(1) tar-Regolament 2016/679,

għandhom jiġu interpretati fis-sens li:

fis-sitwazzjoni fejn l-operatur ta' spiżerija jikkummerċjalizza, permezz ta' pjattaforma online, prodotti mediċinali li l-bejgħ tagħhom huwa rriżervat għall-ispiżeriji, l-informazzjoni li l-klijenti ta' dan l-operatur jipprovdu waqt l-ordni online ta' prodotti mediċinali, bħall-isem tagħhom, l-indirizz ta' kunsinna u l-informazzjoni neċessarja għall-individwalizzazzjoni tal-prodotti mediċinali, tikkostitwixxi data dwar is-saħħa, fis-sens ta' dawn id-dispożizzjonijiet, anki meta l-bejgħ ta' dawn il-prodotti mediċinali ma huwiex suġġett għal riċetta medika.

Firem

[i] Fil-punti 89, 90, 92 u 93 ta' dan it-test saret modifika ta' natura lingwistika, wara li kien tqiegħed online għall-ewwel darba.